MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 683/2003

**Bank of Valletta p.l.c**
**Vs**
**Dr Mark Busuttil u l-PL Mario Mifsud Bonnici nominati bid-digriet tat-30 t'April 2003 kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta Grouper Holidays & Catering Company Limited; Dr. Tonio Azzopardi u l-PL Veronica Rossignaud nominati bid-digriet tat-30 t'April 2003 kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta Kenvin Limited.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet u talbet: illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 27 ta' Dicembru 1991 u 22 t'April 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia (Dok A u B), is-socjeta attrici kkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lis-socjeta konvenuta Grouper Holidays and Catering Company Limited;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta konvenuta Grouper Holidays and Catering Company Limited fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u erbghin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm 29, 642.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta Grouper Holidays and Catering Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C7, u D1 sa D259) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi permezz tal-kuntratti fuq imsemmija u cioe dawk datati 27 ta' Dicembru 1991 u 22 t'April 1993, fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia (Dok. A u B), kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 10 t'April, 1993 (Dok E), is-socjeta konvenuta Kenvin Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" mas-socjeta Grouper Holidays and Catering Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' Grouper Holidays and Catering Company Limited mal-Bankof Valletta p.l.c.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 9 t'April, 2003 li kopja taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok F u Dok G, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lis-socjeta Grouper Holidays and Catering Company Limited u lis-socjeta Kenvin Limited jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u erbghin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm 29, 642.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta Grouper Holidays and Catering Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C7, u D1 sa D259) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;
Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 9 t'April, 2003 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati

kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Avukat Dottor Tonio Azzopardi u PL Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta’ Kenvin Limited li biha eccepew: illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jissollevaw l-eccezzjonijet taghhom fi stadju ulterjuri; salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijet tal-Kuraturi Avukat Dottor Mark M Busuttil u PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil-socjeta Grouper Holidays & Catering Company Limited li biha eccepew: li huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw d-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar ‘il quddiem;

Rat li fl-udjenza tat-2 t’April 2004 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Semghet ix-xhieda ta’ tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat ta’ tas-socjeta’ attrici;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti premessi mill-attrici jinsabu sodisfacentament provati bid-dikjarazzjoni guramentata u bix-xhieda tal-PL Joseph Zammit. Inoltre mhumiex kontradetti.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-mottivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, bl-imghax legali kif mitlub, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------